MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 962/2006/1

**Desmond Mizzi u D.M Holdings Limited (C-8404)**

**v.**

**Dr. Tonio Fenech, Dr. Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali tal-assenti Steve Orton u Tonio Zarb f'ismu proprio kif ukoll in rapprezentanza tad-ditta KPMG u b'digriet tal-21 ta' Frar 2007, il-Qorti laqghet it-talba biex jintervjenu fil-kawza Joseph Vincent sive Jovan Mizzi u martu Gabrielle Mizzi u Unitrade Limited (C-9456) u b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2010 Dr. Vincent Galea assuma l-atti tal-kawza bhala kuratur ghall-assenti Steve Orton minflok Dr. Louis Cassar Pullicino**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li r-rikorrenti pprezentaw fl-24 ta' Ottubru 2006, li jaqra hekk:

"(1) Illi r-rikorrenti Desmond Mizzi u huh, Jovan Mizzi, tramite s-socjetajiet rispettivi taghhom u cioe` D.M. Holdings Limited u Unitrade Limited, huma azzjonisti tas-socjeta` Mizzi Group Limited (C21948), liema socjeta` *a sua volta* hija azzjonista fis-socjetajiet Mizzi Frinance Limited (C22782), Mizzi Antiques Limited (C5794), Mizzi Contracting Limited (C24172), Mizzi Home Furnishings Limited (C22783), Millennia Limited (C22784), A.H.M. Limited (C31084), Associated Asphalt (Malta) Limited (C27375) u Birkirkara Development Limited (C26775), minn hawn 'il quddiem maghrufa kollettivament bhala *"Mizzi Group"*;

"(2) Illi minhabba certi differenzi illi kienu ilhom ghaddejjin ghal zmien twil bejn l-ahwa Desmond u Jovan Mizzi, fil-5 ta` Novembru, 2001, huma iffirmaw ftehim sabiex ikunu jistghu jiddividu l-assi tal-Mizzi Group bejniethom, sabiex kull azzjonist tal-Mizzi Group Ltd ikun jista` jibda jahdem ghal rasu, kopja ta` liema ftehim qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **"Dok. DM1"**;

"(3) Illi ghalkemm il-ftehim ta` l-2001 kien beda jigi implimentat, tali implimentazzjoni qatt ma giet konkluza minhabba nuqqas ta` ftehim bejn il-partijiet, tant illi l-istess partijiet ma kellhomx triq ohra hlief li jappuntaw terzi persuni **professjonali** sabiex jottejnu evalwazzjoni indipendenti u professjonali tal-Mizzi Group u ta` l-assi, djun u negozji ta` l-istess sabiex huma jkunu f`pozizzjoni illi jawsmu dawn l-assi, djnun u negozji **definittivament** u b`mod espedjenti;

"(4) Illi ghal dan il-ghan, Desmond Mizzi u D.M. Holdings Limited min-naha l-wahda u Jovan Mizzi u martu Gabrielle Mizzi u Unitrade Limited min-naha l-ohra ffirmaw ftehim imsejjah *"Business Valuation and*

*Division/Restructuring Agreement”* datat 17 ta` Gunju, 2005 (minn hawn ‘il quddiem imsejjah *“il-Ftehim”*), li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala **“Dok. DM2”**. Illi ghal kull buon fini jinghad illi s-socjeta` Mizzi Group Limited ukoll tifforma parti mill-Ftehim;

“(5) Illi l-partijiet surreferiti qablu wkoll fl-istess Ftehim fuq *zewg lots* illi fihom kellhom jinqasmu l-assi tal-Mizzi Group u fuq liema azzjonist kellu jiehu liema *lot*;

“(6) Illi permezz ta` klawzola 1.1 tal-Ftehim, il-partijiet ghall-Ftehim appuntaw lill-intimati Dr. Tonio Fenech (avukat), Steve Orton (negozjant stabbilit ta` l-antikitajiet u proprjeta`) u Tonio Zarb (awditur), dan ta` l-ahhar kemm f`ismu *proprio* kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta *“KPMG”*, maghrufa kollettivament bhala l-*“Valuation Committee”*, *“to carry out in as **thorough** and **expeditious** a manner as reasonably possible, **a professional valuation** of the Company’s Business with a view to allowing for a proper division and distribution or otherwise a restructuring of such Business as well as of the Company’s subsidiary and associated companies and of the shares held therein by the Shareholders or the Company, in such manner as the Valuation Committee shall at its sole discretion deem fair and **expeditious** in the circumstances in accordance with and in order to give effect to the terms of this agreement”*;

“(7) Illi ghaldaqstant huwa evidenti illi l-Ftehim gie ffirmat sabiex il-partijiet jirrisolvu l-vertenza ta` bejniethom u jiddividu l-assi tal-Mizzi Group **definittivament, minghajr dewmien inutli u fl-aqsar zmien possibbli,** u dan stante illi d-dewmien kien qieghed jikkawzalhom danni ingenti;

“(8) Illi tant il-partijiet fuq il-Ftehim riedu illi l-ezercizzju ikun wiehed espendjenti, ahhari u konklussiv, illi meta jitlesta l-inkarigu moghti lilu, il-*Valuation Committee* kellu, ai termini ta` klawsola 12.1 tal-Ftehim, jipprezenta lill-partijiet ghall-Ftehim skema ta` divizjoni, distribuzzjoni u/jew ristrutturazzjoni li tkun finali u turbot

lill-partijiet li kellhom l-obbligu li minnufih jattwaw l-iskema ta` divizjoni bis-sahha ta` rizoluzzjoni straordinarja tas-socjetajiet tal-Mizzi Group;

"(9) Illi mhux talli hekk izda talli l-istess azzjonisti taw ukoll prokura lill-membri tal-*Valuation Committee*, annessa mal-Ftehim, flimkien u bejniethom, sabiex dawn ikunu awtorizzati jattendu ghal-laqgha straordinarja tal-Mizzi Group u japprovaw l-istess pjan jew skema;

"(10) Illi inoltre tant il-partijiet riedu li l-vertenza ta` bejniethom tigi konkluza difinittivament u b`mod espedjenti illi ai termini ta` klawzola 18 tal-Ftehim, fl-eventwalita` illi l-iskema ta` divizjoni tigi accettata bil-miktub minn azzjonist wiehed biss, dana seta`, ghalkemm ma kienx marbut, jakkwista bhala tieghu l-*lot* ta` l-azzjonist l-iehor versu kumpens ta` hamsin fil-mija (50%) tal-valur effettivament moghti mill-*Valuation Committee* lil tali *lot*, liema kumpens kellu jithallas fi zmien ragonevoli, hekk kif determinat mill-*Valuation Committee;*

"(11) Illi l-*Valuation Committee* accetta l-inkarigu moghti lilu u ghaldaqstnat assuma obbligazzjonijiet fiducjarji u dana kif stipulat fi klawzoli 13.2 tal-Ftehim u ai termini ta` l-artikolu 1124A(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

"(12) Illi in effetti wara perjodu ta` circa ghaxar xhur u spejjez li sa dak inhar kienu lahqu aktar minn tletin elf lira Maltin (Lm30,000) ghal xogholhom, l-intimati Fenech, Orton u Zarb *proprio et nomine* fasslu rapport imsejjah, *"Scheme of Division provided by the Valuation Committee to the Shareholders of Mizzi Group Ltd in terms of the Business Valuation and Division/Restructuring Agreement"*, (minn hawn 'il quddiem imsejjah *"ir-rapport"* li qieghed jigi hawn annessa u mmarkat bhala **"Dok. DM3"**;

"(13) Illi pero` l-intimat Tonio Zarb indika lir-rikorrenti li huwa ma setax jghaddi tali rapport lilhom qabel ma Desmond Mizzi kemm f`ismu *proprio* kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` D.M. Holdings Limited u ta` Mizzi Group Limited jikkostitwixxi ruhu veru, cert u likwidu

debitur versu l-KPMG, li kienet rapprezentata mill-istess Tonio Zarb, ghas-somma surreferita permezz ta` kuntratt pubbliku;

“(14) Illi ir-rapport, mhux iffirmat, gie pprezentat fis-27 ta` Jannar, 2006 permezz ta` email u dan wara illi fis-26 ta` Jannar, 2006, ir-rikorrenti u Mizzi Group Limited ikkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri versu d-ditta KPMG fis-somma ta` sbatax-il elf, tmien mija u disa` u tmenin lira Maltin (Lm17,889) kif jidher mill-iskritturi hawn annessi u mmarkati bhala **“Dok. DM4”** u **“Dok. DM5”;**

“(15) Illi fost affarijiet ohra r-rapport:

“(a) Jaqsam l-assi tal-Mizzi Group bejn l-azzjonisti;

“(b) Jistabilixxi ***“post cut off amount”*** ta` tnejn u tletin elf u hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm32,510) pagabbli minn Unitrade Ltd/Jovan Mizzi lir-rikorrenti ghal kontribuzzjonijiet tar-rikorrenti fin-negozju tal-Mizzi Group wara l-31 ta` Marzu, 2005;

“(c) Jistabilixxi ***“contingent amount”*** ta` hamsin fil-mija (50%) ta` erbgha u tletin elf u hamsa u sittin lira Maltin (Lm34,065) u disgha u erbghin elf u disgha mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm49,924) pagabbli minn Unitrade Ltd/Jovan Mizzi lir-rikorrenti fil-kaz illi dan l-ammonti jigi dovuti minn Mizzi Group lejn terzi, liema ammonti gew stabbiliti minghajr ma ttiehdu in konsiderazzjoni interessi, danni u spejjez illi jistghu jkunu pagabbli minn Mizzi Group;

“(d) Jistabilixxi **ekwiparazzjoni** (*“base amount”*) ta` mitejn u disat elef u sitt mija u tmeinja u tletin lira Maltin (Lm209,638) pagabbli minn uNitrade Ltd/Jovan Mizzi lir-rikorrenti; u

“(e) Jistabilixxi **valur tal-proprjeta`** immobbli ta` Mizzi Group Ltd ta` zewg miljuni u seba` mija u hamsin elf lira Maltin (Lm2,750,000), rpprezentanti in kwantu ghall-

ammont ta` zewg miljuni u hamsin elf lira Maltin (Lm2,050,000), il-valur tal-proprjeta` *"Millennia"*, Aldo Moro Road Marsa, (proprjeta` fil-lot ta` Unitrade Ltd) u in kwantu ghall-ammont ta` seba` mitt elf lira Maltin (Lm700,000), il-valur tal-proprjeta` immobbli ta` "@240", Zabbar Road, Fgura (proprjeta` fil-lot ta` D.M. Holdings Ltd) u dan wara illi l-istess valur gie stabbilit permezz ta` konsultazzjoni ma` TBA Periti, mahtura mill-*Valuation Committee*, u illi kif jidher mill-*invoices* ta` l-istess, li qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok DM6** kienu stabbilew il-valur global ital-proprjetajiet immobbli ta` Mizzi Group fl-ammont ta` tlett miljuni u sitt mitt elf lira Maltin (Lm3,600,000);

"(16) Illi inoltre, ir-rapport jaghti lill-azzjonisti ta` Mizzi Group Ltd ghazla, illi qatt ma kienet rikjesta, prospettata u/jew awtorizzata mill-istess azzjonisti, illi jaghtu effett ghall-mekkanizmu imsejjah *"The Property Disposal Mechanism"* minn hawn 'il quddiem imsejjah il-***"Mekkanizmu"***, stipulat f`appendici anness mar-rapport, minn hawn 'il quddiem imsejjah l-*"Appendici"*, liema Appendici, fost affarijiet ohra jista` jwassal (a) ghal tibdil fl-ammont ta` l-ekwiparazzjoni (b) ghal dilungar inutli tal-vertenza ta` bejn l-azzjonisti ta` Mizzi Group Ltd (c) tibdil fil-prezz ta` l-immobbli ta` Mizzi Group u (d) bejgh ta` l-istess proprjeta` immobbli;

"(17) Illi f`kaz illi azzjonist jaghzel il-Mekkanizmu permezz ta` konferma bil-miktub maghmula fi zmien sebat (7) ijiem tax-xoghol mill-prezentazzjoni tar-rapport:

"(a) Il-proprjeta` immobbli assenjata lil tali azzjonist ghandha fl-ewwel lok tigi offerta mill-Valuation Committee permezz ta` notifika lill-azzjonist l-iehor bil-valur stipulat mill-"Valuation Committee". Ir-rapport ma jaghtix terminu f`liema il-Valuation Committee ghandu jaghti tali notifika. Illi tali azzjonist ikollu hamest (5) ijiem ta` xoghol min-notifika biex jaccetta l-istess;

"(b) F`kaz illi ma jkunx hemm tali accettazzjoni, il-proprjeta` in kwistjoni titqieghed f`idejn Frank Salt Real Estate Ltd sabiex din is-socjeta`, *"overseen by one person*

*of standing nominated by each party”*, ssib il-bejgh ta` l-istess proprjeta` sa mhux aktar tard mill-31 ta` Jannar, 2008, u tikri din il-proprjeta` waqt illi tkun qieghda tipprova tbieghha;

“(c) F`kaz illi s-socjeta` Frank Salt Real Estate Ltd tikkonsidra illi l-proprjeta` tista` tinbiegh biss b`valur anqas minn dak stipulat mill-Valuation Committee din is-socjeta` ghandha tikkonsulta maz-zewg persuni ta` fiducja maghzula mill-azzjonisti rispettivi sabiex jigi stabbilit prezz;

“(d) Wara illi jsir dan, il-proprjeta` tigi offerta bil-prezz ridott lill-azzjonist illi l-proprjeta` kienet originarjament inkluza fil-“lot” tieghu bi prezz ta` mhux anqas minn miljun u erba` mija u erbghin elf lira Maltin (Lm1,440,000) fil-kaz tal-*“Millennia”* u hames mija u ghaxart elef lira Maltin (Lm510,000) fil-kaz ta` “@240”. Jekk dan l-azzjonist ma jikkonfermax illi jrid jixtri l-proprjeta` fi zmien tlett (3) ijiem ta` xoghol, allura l-proprjeta` tigi offerta lill-azzjonist l-iehor, b`dan illi s-socjeta` Frank Salt Real Estate Ltd ikollha dritt tithallas fi kwalunkwe kaz;

“(e) F`kaz illi l-ebda azzjonist ma` jaccetta illi jixtri l-proprjeta` bil-prezz imnaqqas, il-valur tal-proprjeta` immobbli jista` jonqos aktar jekk iz-zewg partijiet jaghtu l-kunsens taghhom, b`dan illi l-proprjeta` l-ewwel trid terga tigi offerta lill-azzjonist illi l-proprjeta` kienet originarjament inkluza fil-“lot” tieghu. Jekk dan l-azzjonist ma jikkonfermax illi jrid jixtri l-proprjeta` fi zmien tlett (3) ijiem ta` xoghol, allura l-proprjeta` tigi offerta lill-azzjonist l-iehor;

“(f) Illi jekk is-socjeta` Frank Salt Real Estate Ltd tiddikjara illi ma tistax issib bejgh jew ma ssibx bejgh tal-proprjeta` ghal mhux anqas minn miljun u erba` mija u erbghin elf lira Maltin (Lm1,440,000) fil-kaz tal-Millennia u mhux inqas inqas minn hames mija u ghaxart elef lira Maltin (Lm510,000) fil-kaz ta` @240, il-Valuation Committee ikollu jerga` jiltaqa` sabiex jerga` jikkonsidra s-sitwazzjoni skond l-ekwita` fic-cirkostanzi;

"(18) Illi minkejja dan kollu, l-intimati Fenech, Orton u Zarb proprio et noe, ma lahqux l-iskop ewlieni ta` dak illi gew inkarigati illi jaghmlu u senjatament illi jistabilixxu l-valur tan-negozju tal-Mizzi Group immedjatament u definittivament ai termini tal-Ftehim sabiex jinqasam il-*business* ta` Mizzi Group stante illi:

"(a) Naqsu milli jaghtu **valur tal-business** tal-Mizzi Group hekk kif kienu inkarigati li jaghmlu ai termini ta` klawsola 1.7(a), u klawsola 11 tal-ftehim;

"(b) Jekk jidhol fis-sehh il-mekkanizmu:

- Dana ixejjen il-valur tal-proprjetajiet immobbli kif feterminat mill-Valuation Committee stess fi klawsola 11 tar-rapport;
- Iwassal ghal fatt illi l-valur tal-proprjeta` immobbli jigi stabbilit b`referenza ghal data li tigi wara illi r-rapport gie pprezentat u dan meta skondil-Ftehim il-valur ta` l-assi ta` Mizzi Group kellu jigi stabbilit b`referenza ghall-31 ta` Marzu, 2005 (maghrufa bhala *"cut off date"* fil-ftehim);
- L-ammont ta` l-iewiparazzjoni jista` facilment jinbidel;
- Ma jkunx car minn min hi dovuta l-ekwiparazzjoni sakemm jew il-proprjeta` imdahla fil-Mekkanizmu tinbiegh jew jekk din ma tinbieghx meta l-Valuation Committee jerga` jaghti valur lil tali proprjeta` skond l-ekwita` kif stipulat hawn fuq;
- Jaghti lok illi l-vertenza bejn l-azzjonisti tal-Mizzi Group Ltd tithalla miftuha berah ghal sentejn ohra jew aktar;
- Jkun hemm lok illi l-Valuation Committee jkollu jerga` jiltaqa` wara l-31 ta` Jannar, 2008 sabiex jerga` jistabilixxi l-valur tal-proprjeta` immobbli;

"(19) Illi inoltre jigi sottomess illi f`dan ir-rapport, l-intimati Fenech, Orton u Zarb pro et noe mhux talli naqsu milli jfasslu skema ta` divizjoni finali u vinkolanti fuq il-partijiet kif kellhom dover illi jaghmlu skond klawzola 12.1 tal-ftehim izda talli marru ***"ultra vires"*** l-inkarigu taghhom meta taw lill-azzjonisti l-ghazla stipulate fl-Appendici u dan billi waqt illi skond il-Ftehim l-inkarigu moghti lill-Valuation Committee kellu jieqaf billi dan jaghti valur lill-*"lots"* rispettivi ta` l-azzjonisti, tal-*business* tal-Mizzi Group u l-ekwiparazzjoni dovuta minn azzjonist lill-iehor, il-Valuation Committee mar oltre dan l-inkarigu billi mhux biss ghazel *"estate agent"*, haga li qatt ma kellu l-poter illi jaghmel, izda talli ta` lil tali *"estate agent"* il-poter illi jbiegh l-istess proprjeta`, poter illi lanqas il-Valuation Committee innifsu ma kellu;

"(20) Illi inoltre meta l-Valuation Committee inkluda l-ghazla ta` l-Appendici fir-rapport kien minghajr dubju qieghed jikser l-obbligi fiducjarji illi l-istess hu marbut bihom u cioe` illi jkun imparzjali u dan skond artikolu 1124A(4)(d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta u dana stante:

"(a) Illi l-Valuation Committee ta` cans lill-Unitrade Ltd illi tapplika l-mekkanizmu ghall-maggoranza tal-valur tal-*"lot"* taghha fil-waqt illi D.M. Holdings setghet idahhal biss proprjeta` illi suppost ghandha valur ta` anqas min-nofs tal-valur tal-lot taghha;

"(b) D.M. Holdings Ltd ma kellhiex l-istess opportunita` illi ddahhal il-proprjeta` immobbli taghha fil-mekkanizmu bhal ma kellha Unitrade Ltd u dan stante l-fatt illi l-maggoranza ta` l-assi li gew allokati lill-D.N. Holdings Ltd kienu jikkonsistu fin-negozju tal-Mizzi Group u fl-istocks tal-Mizzi Group li kienu ghadhom kemm jigu trasferiti mill-proprjeta` *"Millennia"* ghal *"@240"*;

"(21) Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Valuation Committee abdika mill-inkarigu fdat lilu meta ta` lill-Frank Salt Real Estate Ltd il-poter li jbiegh il-proprjeta` b`valur differenti u senjatament b`valur anqas minn dak stabbilit minnu (Lm610,000 anqas fil-kaz tal-

*"Millennia"* u Lm190,000 anqas fil-kaz ta` *"@240"*) bl-ghajnuna ta` TBA Periti u hekk jistabilixxi valur gdid, stante illi l-Valuation Committee kien imqabbad u gie mhallas mill-azzjonisti ta` Mizzi Group Ltd sabiex jistabilixxi l-valur **hu stess**, u se mai ***"with the assistance** of any technical esperts of its choosing"* (klawsola 1.4 tal-Ftehim) u mhux illi jhalli ghall-kollox f`idejn l-esperti, li f`dan il-kaz lanqas jistghu jissejhu esperti teknici stante illi huma biss *"estate agents"* u mhux periti, minghajr ma` l-Valuation Committee jaghti l-*"input"* tieghu, ghal-liema *"input"* hu diga` thallas u sahansitra, Tonio Zarb pro et noe, gieghel lir-rikorrenti jidhlu f`kostituzzjoni ta` debitu;

"(22) Illi in vista tas-suespost jidher car illi l-Valuation Committee mhux biss naqas milli jezercita d-diligenza ta` *"bonus pater familias"* fit-twettiq ta` l-obbligazzjonijiet tieghu u dan bi ksur ta` l-Artikolu 1124(4)(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta, izda talli kkawza danni bir-rikorrenti billi mhux biss ma qedix dmirijietu izda talli assuma poteri illi qatt ma kellu, u dan b`negligenza kbira (*"gross negligence"*) u/jew imgieba hazina;

"(23) Illi l-mekkanizmu wassal ghal sitwazzjoni ta` incertezza kbira fejn Mizzi Group Ltd ngabet f`pozizzjoni illi ma tistax tikkonkludi arrangement finanzjarji godda u/jew issostni il-facilitajiet bankarji utilizzati minn Mizzi Group Ltd u s-socjetajiet sussidjarji u assocjati taghha li gew assenjati lill-D.M. Holdings Ltd, b`dan illi dawn qeghdin f`impossibilita` illi jkomplu joperaw in-negozju illi gie assenjat lil D.M. Holdings Ltd u dan b`dannu kbir lill-Mizzi Group Ltd li hi azzjonista fl-istess socjetajiet u ghalhekk ukoll b`danni kbar ghar-rikorrenti jew min minnhom, bhala beneficjarji ta` l-istess, u dank if ser jigi pruvat ahjar fil-mori tal-kawza;

"(24) Illi inoltre l-ghazla moghtija mill-Valuation Committee lill-azzjonisti ta` Mizzi Group Ltd permezz tal-mekkanizmu ikkagunat danni lill-istess socjeta` u ghalhekk ukoll lir-rikorrenti, jew min minnhom, u dan stante illi illum bhala rizultat tan-nuqqas tal-Valuation

Committee illi jipprezenta u jimplimenta skema ta` divizjoni, **definittiva u vinkolanti, b`mod espedjenti** ai termini tal-ftehim, n-negozju tas-socjetajiet assocjati u sussidjarji ta` Mizzi Group Ltd, li qeghdin stipulate f`paragrafu wiehed, tilef xoghol, fiducja, impjegati u fornituri tant illi s-socjeta` Mizzi Group Ltd waqghet lura fit-termini ta` pagamenti taghha mal-kredituri, inkluz l-HSBC Bank Malta plc u dan b`danni kbar kemm ghall-istess socjetajiet, kif ukoll ghar-rikorrenti, jew min minnhom bhala beneficjarji ta` l-istess, u dank if ser jigi pruvat ahjar fil-mori tal-kawza;

“(25) Illi nhar l-14 ta` Marzu, 2006, ir-rikorrent Desmond Mizzi, kemm f`ismu *proprio* kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti D.M. Holdings Limited accetta l-iskema ta` divizjoni u dan minghajr ma accetta l-Appendici u dan kif jidher mill-e-mail hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. DM7;**

“(26) Illi ghalkemm ir-rikorrenti interpellaw lill-intimati diversi drabi sabiex jiritraw l-Appendici immedjatament, l-intimati baqghu inadempjenti u dan b`negligenza kbira u/jew mgieba hazina;

“(27) Illi dawn il-fatti l-esponenti jaf bihom personalment.

“Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna f’dan il-kaz:

“(1) Tiddikjara u tiddeciedi li meta l-intimati fasslu il-mekkanizmu kif stipulat fl-Appendici u ta lill-azzjonisti ta` Mizzi Group Ltd l-alternattiva illi jaghzlu l-istess mekkanizmu huma agixxew *“ultra vires”* l-inkarigu u l-poteri moghtija lilhom u ghaldaqstant tiddikjara illi l-Appendici u l-Mekkanizmu u klawzoli 12, 13 u 14 tar-rapport huma nulli u bla effett;

“(2) Tiddikjara u tiddeciedi illi, in ogni kaz, l-intimati kisru l-obbligi fiducjarji li huma kellhom versu r-rikorrenti illi jkunu imparzjali meta fasslu l-mekkanizmu;

“(3) Tiddikjara u tiddeciedi illi, in ogni kaz, l-intimati naqsu milli josservaw l-inkarigu principali moghti lilhom meta naqsu milli jistabilixxi l-valur tal-business tal-Mizzi Group kif kienu inkarigati li jaghmlu ai termini ta` klawzola 1.7(a) u klawzola 11 tal-ftehim;

“(4) Tiddikjara u tiddeciedi illi, in ogni kaz, l-intimati agixxew b`negligenza kbira (*“gross negligence”*) u/jew mgieba hazina bl-azzjonijiet jew ommissjonijiet taghhom kif spjegat f`dan ir-rikors;

“(5) Tiddikjara illi l-agir negligenti u l-imgieba hazina tal-intimati ikkagunaw danni lir-rikorrenti;

“(6) Tillikwida d-danni kkagunati lir-rikorrenti okkorrendo bl-operat ta` periti nominandi;

“(7) Tikkundanna lill-intimati jew minn minnhom jhallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta minnhom in linea ta` danni;

“Bl-ispejjez kontra l-intimati nkluzi dawk tal-mandat ta` inibizzjoni numru 410/06 u dawk ta` l-protest gudizzjarju 114/06 tat-8 ta` Marzu, 2006 u l-protest gudizzjarju tad-19 ta` Settembru, 2006 kontra l-istess intimati jew minn minnhom li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta pprezentata minn Tonio Zarb proprio et nomine li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. Fl-ewwel lok, l-intimat jeccepixxi n-nuqqas ta` gurisdizzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti inkwantu kwalunkwe kwistjoni naxxenti mill-ftehim (kif definit fir-rikors promotur, Dok DM2) kellha tigi riferita ghal arbitragg skont klawsola 22 tal-istess ftehim.

“2. Fit-tieni lok, pero` minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimati jeccepixxi l-intempestivita` tal-azzjoni, inkwantu divergenzi bejn il-partijiet ghall-ftehim gew riferiti ghal arbitragg mill-partijiet l-ohra ghall-istess.

“3. Fit-tielet lok, pero` minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimat jeccepixxi n-nuqqas ta integrita` tal-gudizzju, inkwantu, *inter alia,* ma jistax jigi deciz, skont kif inhu mitlub, li l-intimati agixxew *ultra vires* il-poteri taghhom fil-konfront biss tar-rikorrenti, u minghajr ma jinstemghu l-partijiet l-ohra ghall-ftehim;

“4. Fir-raba` lok, l-intimat jeccepixxi li KPMG ghandha tigi liberata mid-domandi inkwantu hi, bhala ditta, ma ffurmatx parti mill-Valuation Committee;

“5. Fil-hames lok, pero` minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimat jeccepixxi li dawn il-proceduri jikkostitwixxu abbuz tal-process gudizzjarju, inkwantu, permezz taghhom flimkien ma` atti ohra (senjatament il-protesti msemmija fir-rikors promotur), ir-rikorrenti qed jottjenu fil-fatt it-tnehhija tal-prokuri moghtija minnhom ai termini tal-ftehim, filwaqt li jittentaw jaggiraw il-konsegwenzi iebsa ta` tali tnehhija kontemplati fi klawsola 12.4 tal-ftehim.

“6. Fis-sitt lok, pero` minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimat jeccepixxi li huma ma kisru ebda obbligu fil-konfront tar-rikorrenti u li ma kkawzawlhom ebda danni.
“Il-Fatti

“1. Il-fatti materjali fir-rikors promotur li maghhom l-intimat jaqbel huma s-segwenti:

“a). Dawk dikjarati fl-ewwel paragrafu tar-rikors;

“b). Li kien gie ffirmat il-ftehim tal-5 ta’ Novembru 2001, Dok DM1 anness mar-rikors promotur;

“c). Li nonostante li kien gie ffirmat l-imsemmi ftehim, id-divergenzi bejn l-ahwa Mizzi ma gewx solvuti;

“d). Li biex isolvu d-divergenzi ta’ bejniethom, l-ahwa Mizzi ffirmaw il-ftehim (Dok DM2), li permezz tieghu hatru lil Dr. Tonio Fenech, Tonio Zarb (fil-kapacita` tieghu

personali) u lil Steve Orton (flimkien il-“Valuation Committee”) biex jaqdu l-funzjonijiet u jezercitaw il-poteri u d-diskrezzjonijiet wiesa’ mfissra fil-ftehim;

“e). Li, ai termini tal-ftehim, il-Valuation Committee pprezenta r-Rapport fis-27 ta’ Jannar 2006 wara li ghamel xoghol estensiv biex jistabilixxi l-valur tan-negozju u kif l-ahjar seta’ jigi maqsum jew ristrutturat b’mod ugwali, ekwu u gust[1]; u kien proprju f’dan il-kuntest li r-Rapport kien inkorpora, bhala *option* il-mekkanizmu;

“f). Li wara r-Rapport, gew ipprezentati lill-Valuatation Committee Dok DM7 anness mar-rikors promotur u Dok DM6 anness ma’ rikors iehor fl-ismijiet *D.M Holdings Limited v. Dr. Tonio Fenech, Dr. Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali tal-assenti Steve Orton u Tonio Zarb f’ismu proprio kif ukoll in rapprezentanza tad-ditta KPMG* (numru 963/2006AF);

“g). Li wara r-Rapport kienu gew ipprezentati l-protesti msemmija fir-rikors promotur, fost korrispondenza ohra; u

“h). L-effett tal-posizzjoni li hadu r-rikorrenti kien li l-Valuation Committee ma setax jipprocedi bl-inkarigu lilu moghti.

“2. Apparti l-fatti surriferiti, ir-rikors promotur jikkonsisti f’interpretazzjoni mghawwga tal-ftehim u tar-Rapport, flimkien ma sensiela ta’ inezattezzi u nofs veritajiet.

“3. Dawn huma kollha respinti. Billi, pero`, ir-risposta mhux il-lok ghal argumentazzjoni tal-kaz, l-intimat ma jikkonsidrax li jkun korrett li jressaq l-interpretazzjoni tieghu f’dan l-istadju.

[1] Kif osservat fir-rikors promotur, ir-Rapport gie rilaxxat wara li, fis-26 ta’ Jannar 2006, kien gie kostitwit debitu favur KPMG (li kienet ippokurat li jinghataw is-servizzi ta’ Tonio Zarb) (Dok DM4 u DM5). Dak li ma jinghadx fir-rikors, pero`, hu li nonostante li gie ffirmat att ta’ kostituzzjoni ta’ dejn favur KPMG li kien jistipula li l-hlas kellu jsir fi zmien sitt xhur, il-hlas relattiv ghadu ma sarx sal-lum. Lanqas ma sar ebda hlas lill-intimati l-ohra, Dr. Fenech s-Sur Orton. Kemm KPMG u kif ukoll Dr. Fenech ser jiehdu passi separati biex jirkupraw dak dovut lilhom.

“4. Josserva, pero`, li din l-Onor. Qorti, diversament presjeduta, gia` effettivament esprimiet il-fehma, fl-atti ta’ rikors ghal mandat ta’ inibizzjoni (Nru 410/2006), li l-kaz tar-rikorrenti hu msejjes fuq premessa insostenibbli. Naturalment, l-intimat jirriserva li jressaq il-provi tieghu u jaghmlu sottomissjonijiet fl-istadju appozitu.”

Rat ir-risposta ta’ Dr. Louis Cassar Pullicino nomine li in forza taghha eccepixxa illi:

“1. It-talbiet tar-rikorrenti huma legalment insostenibbli u nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi huwa ma kiser ebda obbligu fil-konfront tar-rikorrenti, qeghda d-dmirijiet tieghu fedelment b’diligenza u ma kkawzawlhom ebda danni.

“<u>Il-Fatti</u>

“1. Il-fatti materjali fir-rikors promotur li maghhom l-esponent jaqbel huma s-segwenti:

“a. Dawk dikjarati fl-ewwel paragrafu tar-rikors;

“b. Li kien gie ffirmat il-ftehim tal-5 ta’ Novembru 2001, Dok DM1 anness mar-rikors promotur;

“c. Li nonostante li kien gie ffirmat l-imsemmi ftehim, id-divergenzi bejn l-ahwa Mizzi ma gewx solvuti;

“d. Li biex isolvu d-divergenzi ta’ bejniethom, l-ahwa Mizzi ffirmaw il-ftehim (Dok DM2), li permezz tieghu hatru lil Dr. Tonio Fenech, Tonio Zarb (fil-kapacita` tieghu personali) u lil Steve Orton (flimkien il-“Valuation Committee”) biex jaqdu l-funzjonijiet u jezercitaw il-poteri u d-diskrezzjonijiet wiesa’ mfissra fil-ftehim; Steve Orton gie maghzul bhala membru tal-Valuation Committee ghaliex kien habib mill-qrib taz-zewg ahwa Desmond u Jovan Mizzi, kien ilu zmien jaghmel negozju maghhom u fuq kollox kellu kompetenza u esperjenza dwar in-negozju tal-antikita.

"e. Li, *ai termini* tal-ftehim, il-Valuation Committee pprezenta r-Rapport fis-27 ta' Jannar 2006.
"f. Li wara r-Rapport, gew ipprezentati lill-Valuation Committee Dok DM7 anness mar-rikors promotur u Dok DM6 anness ma' rikors iehor fl-ismijiet *D.M. Holdings Limited v. Dr. Tonio Fenech, Dr. Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali tal-assenti Steve Orton u Tonio Zarb f'ismu proprio kif ukoll in rapprezentanza tad-ditta KPMG* (numru 963/2006AF); u

"g. Li wara r-Rapport kienu gew ipprezentati l-protesti msemmija fir-rikors promotur, fost korrispondenza ohra.

"h. L-effett tal-posizzjoni li hadu r-rikorrenti kien li l-Valuation Committee ma setax jipprocedi bl-inkarigu lilu moghti.

"2. Apparti l-fatti esposti, ir-rikors promotur jikkonsisti f'interpretazzjoni mghawwga tal-ftehim u tar-Rapport, flimkien ma' sensiela ta' inezattezzi u nofs veritajiet.

"3. Dawn huma kollha respinti. Billi r-risposta mhux il-lok ghal argumentazzjoni tal-kaz, l-intimati ma jikkonsidrawx li jkun korrett li jressqu l-interpretazzjoni taghhom f'dan l-istadju."

Rat ir-risposta ta' Dr. Tonio Fenech li in forza taghha ecceppixxa illi:

"1. Fl-ewwel lok, l-intimat jeccepixxi n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onor. Qorti inkwantu kwalunkwe kwistjoni naxxenti mill-ftehim (kif definit fir-rikors promotur, Dok DM2) kellha tigi riferita ghal arbitragg skont klawsola 22 tal-istess ftehim.

"2. Fit-tieni lok, pero`, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimat jeccepixxi l-intempestivita` tal-azzjoni, inkwantu divergenzi bejn il-partijiet ghall-ftehim gew riferiti ghal arbitragg mill-partijiet l-ohra ghall-istess.

“3. Fit-tielet lok, pero` minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimat jeccepixxi n-nuqqas ta’ integrita` tal-gudizzju, inkwantu, *inter alia*, ma jistax jigi deciz, skont kif inhu mitlub, li l-intimat agixxa *ultra vires* l-poteri tieghu fil-konfront biss tar-rikorrenti, u minghajr ma jinstemghu l-partijiet l-ohra ghall-ftehim.

“4. Fir-raba’ lok, pero` minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimat jeccepixxi li dawn il-proceduri jikkostitwixxu abbuz tal-process gudizzjarju, inkwantu, permezz taghhom flimkien ma’ atti ohra (senjatament il-protesti msemmija fir-rikors promotur), ir-rikorrenti qed jottjenu fil-fatt it-tnehhija tal-prokuri moghtija minnhom *ai termini* tal-ftehim, filwaqt li jittentaw jaggiraw il-konsegwenzi iebsa ta’ tali tnehhija kontemplati fi klawsola 12.4 tal-ftehim.

“5. Fil-hames lok, pero` minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimat jeccepixxi li huwa ma kiser ebda obbligu fil-konfront tar-rikorrenti u li ma kkawzalhom ebda danni.

“6. Fis-sitt lok, pero` minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intimat jeccepixxi li huwa ma kiser ebda obbligu fil-konfront tar-rikorrenti u li ma kkawzalhomx ebda danni.

“<u>Il-Fatti</u>

“1. Il-fatti materjali fir-rikors promotur li maghhom l-intimat jaqbel huma s-segwenti:

“a. Dawk dikjarati fl-ewwel paragrafu tar-rikors;

“b. Li kien gie ffirmat il-ftehim tal-5 ta’ Novembru 2001, Dok DM1 anness mar-rikors promotur;

“c. Li nonostante li kien gie ffirmat l-imsemmi ftehim, id-divergenzi bejn l-ahwa Mizzi ma gewx solvuti;

“d. Li biex isolvu d-divergenzi ta’ bejniethom, l-ahwa Mizzi ffirmaw il-Ftehim (Dok DM2), li permezz tieghu

hatru lil Dr. Tonio Fenech, Tonio Zarb (fil-kapacita` tieghu personali) u lil Steve Orton (flimkien il-"Valuation Committee") biex jaqdu l-funzjonijiet u jezercitaw il-poteri u d-diskrezzjonijiet wiesa' mfissra fil-ftehim;

"e). Li, ai termini tal-ftehim, il-Valuation Committee pprezenta r-Rapport fis-27 ta' Jannar 2006 wara li ghamel xoghol estensiv biex jistabilixxi l-valur tan-negozju u kif l-ahjar seta' jigi maqsum jew ristrutturat b'mod ugwali, ekwu u gust; u kien proprju f'dan il-kuntest li r-Rapport kien inkorpora, bhala *option* il-mekkanizmu, liema *"option"* hija parti integrali tad-decizjoni tal-Valuation Committee.

"f). Li wara r-Rapport, gew ipprezentati lill-Valuatation Committee Dok DM7 anness mar-rikors promotur u Dok DM6 anness ma' rikors iehor fl-ismijiet *D.M Holdings Limited v. Dr. Tonio Fenech, Dr. Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali tal-assenti Steve Orton u Tonio Zarb f'ismu proprio kif ukoll in rapprezentanza tad-ditta KPMG* (numru 963/2006AF); u

"g). Li wara r-Rapport kienu gew ipprezentati l-protesti msemmija fir-rikors promotur, fost korrispondenza ohra; u

"h). L-effett tal-posizzjoni li hadu r-rikorrenti kien li l-Valuation Committee ma setax jipprocedi bl-inkarigu lilu moghti.

"2. Apparti l-fatti surriferiti, ir-rikors promotur jikkonsisti f'interpretazzjoni mghawwga tal-ftehim u tar-Rapport, flimkien ma' sensiela ta' inezattezzi u nofs veritajiet.

"3. Dawn huma kollha respinti. Billi, pero`, ir-risposta mhux il-lok ghal argumentazzjoni tal-kaz, l-intimat ma jikkonsidrax li jkun korrett li jressaq l-interpretazzjoni tieghu f'dan l-istadju.

"4. Josserva, pero`, li din l-Onor. Qorti, diversament presjeduta, gia` effettivament esprimiet il-fehma, fl-atti ta' rikors ghal mandat ta' inibizzjoni (Nru

410/2006), li l-kaz tar-rikorrenti hu msejjes fuq premessa insostenibbli. Naturalment, l-intimat jirriserva li jressaq l-provi tieghu u jaghmel sottomissjonijiet fl-istadju appozitu."

Rat li b'digriet moghti fis-27 ta' Gunju 2007, Jovan Mizzi, Gabriella Mizzi u Unitrade Ltd gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza *in statu et terminis*;

Rat li b'sentenza moghtija fis-27 ta' Gunju 2007, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni sollevata mill-konvenuti;

Rat is-sentenza finali moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Mejju 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi cahdet l-ewwel erba' talbiet kontenuti fir-rikors promotur, bil-konsegwenza li t-talbiet attrici gew, fil-prattika, michuda bl-ispejjez jithallsu mill-attur;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"<u>Il-Fatti</u>

"Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza jirrizulta li kienu s-segwenti:

"L-ahwa Mizzi kienu flimkien imexxu negozju li kienu bdew il-genituri taghhom. Meta inqala' dizgwid bejniethom ittiehdet id-decizjoni li n-negozju jinqasam. Peress illi din id-decizjoni qatt ma twettqet, il-problemi baqghu. Meta n-negozju beda juri telf, l-ahwa ftehmu kif, fil-principju, kellu jinqasam in-negozju u qablu li kellhom jitqabbdu professjonisti biex jeffettwaw il-valutazzjoni bl-iskop tal-qasma. Ftehim f'dan is-sens gie ffirmat fis-17 ta' Gunju, 2005 (Dok. DM2 a fol. 12 tal-process). Ghal dan il-ghan tqabbdu Dr. Tonio Fenech, Steve Orton u Tonio Zarb. Dawn lestew rapport ta' valutazzjoni u qasma (Dok. DM3). In adempiment ta' dan l-inkarigu, il-kumitat hejja mekkanizmu li kellu jistabbilixxi l-valur tal-proprjeta' immobbli b'mod preciz.

"<u>Konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel talba</u>

"L-ewwel talba fir-rikors promotur tirrigwarda precizament dan il-mekkanizmu. Ir-rikorrenti jikkontendu illi t-tfassil ta' dan kien "ultra vires" il-poteri moghtija lill-kumitat mill-ftehim.

"Issa sabiex wiehed jaghmel evalwazzjoni ta' dan, wiehed irid jezamina dak miftiehem bejn il-partijiet fil-ftehim fuq imsemmi, kif ukoll ic-cirkostanzi tal-istess ftehim.

"L-isfond li ta lok ghall-ftehim huwa kif spjegat aktar 'il fuq. L-ahwa riedu jaqsmu malajr. Riedu jaqsmu korrettement. Ghalhekk qabbdu nies li huma kellhom fiducja fihom. L-ahwa Mizzi ftehmu hekk li l-ghan tal-kumitat huwa s-segwenti:

*""The finality and purpose of the Valuation Committee should further be understood as being that of establishing:*

*"a) The value of the Business, net of any dues to the third parties above described;*

*"b) A scheme of division, distribution and / or restructuring of the assets and liabilities of the Company (taking the subsidiaries and other associated companies into account), to enable a fair division, distribution and / or restructuring of the relevant assets between Desmond Mizzi and Jovan Mizzi, and/or their nominees respectively as the Valuation Committee shall at its own discretion order in terms of this Agreement; and*

*"c) The procedure in accordance with which the scheme described in Clause 1.7 (b) hereof is to be given effect".*

"Fl-isfond ta' dan il-ftehim, il-kumitat hejja l-iskema u maghha l-mekkanizmu, dan tal-ahhar huwa l-pern tal-kontestazzjoni, u li huwa meqjus mill-attur li mar lil hinn mill-inkarigu moghti lill-kumitat.

"Qari akkurat tad-diversi provvedimenti tal-ftehim bejn l-ahwa u s-socjetajiet taghhom juri li l-partijiet ghall-ftehim

taw diskrezzjoni wiesa lill-kumitat ghall-qadi tal-inkarigu, u ghalhekk wiehed irid jghaddi biex jezamina d-dettal tal-imsemmi mekkanizmu u x'wassal ghalih sabiex wiehed japprezza verament kienx ultra vires il-poteri tal-kumitat.

"Aspett ewlieni tal-inkarigu moghti kien fil-fatt il-valutazzjoni tal-proprjeta' immobbli tan-negozju, u dan sabiex issehh b'ekwita' mixtieqa l-ekwiparazzjoni bejn iz-zewg lottijiet. Il-mekkanizmu inholoq ghal dan l-iskop. Il-kumitat fehem illi l-valutazzjoni moghtija mill-periti (Ara Dok. AS1) ma kinitx wahda li wahedha kienet ser taghti r-rizultat mehtieg. Dan gie spjegat, kemm fid-dokument innifsu kif ukoll mix-xhieda prodotti. Il-proprjeta' li kienet qed tigi valutata kienet wahda unika u ghalkemm il-periti kienu hejjew l-istima fuq kriterji stabbiliti, din l-istima baqghet dejjem teoretika. Ma kienx hemm transazzjonijiet ta' proprjetajiet simili xi tqabbel maghhom. Dan lill-kumitat hassbu, u ghalhekk, l-ekwiparazzjoni dovuta u kkalkulata mill-kumitat kienet biss wahda provvisorja li setghet tigi skartata minn xi wahda mill-partijiet jekk jithaddem il-mekkanizmu mahsub. Permezz ta' dan, setghet tinbiegh il-proprjeta' taht kondizzjonijiet kontrollati b'mod strett ferm u b'hekk jigi stabbilit il-valur attwali, u ghalhekk l-ekwiparazzjoni konsegwenti ssehh aktar tard wara d-divizjoni, bl-interessi jithallsu fuq l-ammont dovut bhala ekwiparazzjoni.

"F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ghalhekk ma tistax tqis li l-kumitat hareg mill-vires tieghu meta stabbilixxa l-istess mekkanizmu. Id-dispozizzjonijiet tal-ftehim taw lill-kumitat diskrezzjoni ampia u inekwivoka ghall-qadi tal-inkarigu moghti. Il-kumitat kellu kull ragun jikkonsidra li kellu mano libera fil-qadi tal-inkarigu. Il-Qorti terga' taghmel referenza ghall-Art. 2 citat aktar 'il fuq:

*""The valuation shall, except as otherwise specifically provided for herein, be made in accordance with generally accepted valuation principles and concepts and in such manner as the Valuation Committee may at its sole discretion consider equitable in the circumstances".*

"U f'Art. 20 tal-ftehim:

*““The parties hereby specifically authorise and empower the Valuation Committee to adopt at its sole discretion whatever methods, including the appointment of technical experts of its choosing, as it may deem reasonably appropriate in the circumstances, to fulfil its duties and proceed with its brief pursuant to this Agreement, taking into account the cost-effectiveness of such methods.*

*“For the avoidance of doubt the Parties hereby acknowledge and agree that, for the purpose of the Valuation, the Valuation Committee may restrict the scope of any ascertainment, investigation or inquiry made by them, if they consider, in their sole discretion, that the costs and expenses thereof cannot be borne by the Shareholders or the Company )unless appropriate alternative security is provided which is acceptable to the Valuation Committee) or if the process is considered not to be reasonably practicable in the Valuation Committee's sole discretion”.*

“Ghalhekk il-Qorti qed tichad l-ewwel talba tal-atturi.

“<u>It-tieni talba</u>

“L-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara li l-intimati kisru l-obbligi fiducjarji li kellhom illi jkunu imparzjali, dan meta fasslu l-mekkanizmu.

“L-attur jittenta jsostni din l-allegazzjoni ta' parzjalita' meta ghamel referenza ghax-xhieda ta' Dr. Tonio Fenech moghtija fit-8 ta' Mejju 2008 fejn dan stqarr li hassbu lill-kumitat id-divergenzi bejn il-valuri moghtija mill-periti u dawk ottjenuti minghand estate agents fuq talba ta' Jovan Mizzi. M'huwiex kontestat li l-kumitat kellu laqghat ma' Jovan Mizzi u Unitrade, liema laqghat enfasizzaw il-poszizzjoni ta' Jovan Mizzi li kieku kellha tigi adottata l-istima tal-periti u b'hekk l-ekwiparazzjoni tkun forsi oghla milli felah ihallas Jovan Mizzi lil huh.

"Fil-fehma tal-Qorti dan m'huwiex sinjal ta' parzjalita'. Anzi, dan kien aspett tal-funzjonijiet tal-kumitat imposti mill-istess ftehim li nnominahom.

"Ukoll, l-atturi jissottomettu li l-mekkanizmu seta' jigi attwat minn Jovan Mizzi biss stante li huh qatt ma kien ser ikun f'pozizzjoni li jbiegh peress illi hu kien jopera n-negozju tieghu tal-antikitajiet mill-proprjeta' assenjata lilu. Dan fil-fehma tal-Qorti ma jirrizulta f'ebda parzjalita' in vista tal-kundizzjoni, li l-atturi donnhom jinjoraw, illi l-mekkanizmu haseb ghall-eventwalita' ta' "sale and lease back", skema din li seta' jirrikorri ghaliha l-istess Desmond Mizzi ukoll.

"Dan tal-ahhar jargumenta ukoll illi huh kien diga favorit fl-iskema peress illi kien qed igawdi l-kirjiet tal-proprjeta' Millenia. Il-Qorti tinnota illi l-assenjazzjoni tal-proprjeta' saret permezz tal-ftehim tas-17 ta' Gunju 2005 li kien jipprovdi ghal data specifika (31 ta' Marzu 2005) li minnha, kull wiehed mill-ahwa kellu jassumi responsabbilita' (qliegh jew telf) tan-negozju minnu gestit (Art. 14 tal-ftehim).

"Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti tqis li t-tieni talba tal-atturi ma gietx pruvata u qed tigi michuda.

"<u>It-tielet talba</u>

"Permezz tat-tielet talba taghhom, l-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara illi l-intimati naqsu milli josservaw l-inkarigu principali taghhom, cioe' li jistabbilixxu l-valur tal-business tal-Mizzi Group.

"Il-Qorti, f'dan il-kuntest, tirreferi ghad-dokument innifsu (Dok. DM3) – Scheme of Division – u minnu jirrizulta li l-valutazzjoni tal-business effettivament saret. Il-mekkanizmu seta' fil-fatt ikollu effett fuq il-finalita' tas-sitwazzjoni galadarba jigi adoperat minn xi hadd mill-partijiet. Madanakollu l-effett tieghu hu fil-fatt fuq l-ammont dovut minn wiehed lill-iehor bhala ekwiparazzjoni. Ta' min izid ukoll, illi f'kaz li xi hadd mill-partijiet jaghzel li jadopera l-mekkanizmu, dan kien ukoll jipprovdi ghall-interessi.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-ghan tal-ftehim li jigi valutat u maqsum in-negozju fil-fatt intlahaq.

““Il-mekkanizmu la ostakola u lanqas dewwem id-divizjoni fiha nnifisha. Il-partijiet setghu facilment jimxu ‘l quddiem bid-divizjoni, u dan kien il-hsieb tal-VC. Il-Mekkanizmu kellu effett biss fuq l-ammont finali ta’ l-ekwiparazzjoni, u l-hlas tieghu. Il-fatt li dan seta’ jigi ddeterminat fil-futur ma kienx jimpedixxi l-qasma. Il-Mekkanizmu kien ukoll jipprovdi ghall-imghax f’dak il-perjodu bejn id-data meta l-hlas ta’ l-ekwiparazzjoni kien jithallas minghajr il-Mekkanzimu u d-data meta din tkun finalment mhallsa”. [Affidavit Tonio Zarb para. 44(b)].

“Ir-raba’ talba

“Permezz tar-raba’ talba, l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni minn din il-Qorti li l-membri tal-kumitat agixxew b’negligenza kbira (“gross negligence”) u b’imgieba hazina.

“L-atturi jsostnu li l-imgieba hazina tal-kumitat tirrizulta kemm mill-iskema ta’ divizjoni kif ukoll mill-mekkanizmu.

“Ta’ min jinnota mal-ewwel illi, permezz ta’ komunikazzjoni tas-27 ta’ Jannar, 2006, Desmond Mizzi stqarr illi “I accept the recommendation” (Dok. DM7).

“L-atturi donnhom jargumentaw illi l-fatt wahdu li agixxew ultra vires jew li urew parzjalita’ jikkostitwixxi minnu nnifsu l-imgieba hazina u negligenza grossolena li qed jilmentaw minnha.

“Issa Art. 1032 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

““1. Jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja.

“2. Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta’ dispozizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba

nuqqas ta’ prudenza, ta’ diligenza jew ta’ hsieb fi grad akbar”.

“Filwaqt li l-Art. 1132 jipprovdi illi:

““1. Bla hsara ta’ kull dispozizzjoni ohra ta’ dan il-Kodici dwar id-depoziti, id-diligenza li wiehed ghandu juza fl-esekuzzjoni ta’ kull obbligazzjoni, sew jekk din ikollha bi hsieb il-gid biss ta’ wahda mill-partijiet sew jekk tal-parti l-wahda u l-ohra, hija, f’kull kaz, dik ta’ missier tajjeb tal-familja, kif hemm provdut fl-artikolu 1032.

“2. Izda, din ir-regola ghandha tigi mharsa b’mod izjed jew anqas sever f’xi kazijiet imsemmijin f’dan il-Kodici”.

“L-atturi jsostnu li permezz tal-kreazzjoni tal-mekkanizmu, il-konvenuti naqsu mill-obbligi mposti fuqhom.

“L-ewwel ma jirrimarkaw l-atturi huwa dwar in-nuqqas tal-kumitat li jirreferi ghall-negozji ta’ proprjetajiet komparabbli. Din il-Qorti tqis li lanqas kieku kien possibbli dan l-ezercizzju (li ma kienx u kif ga spjegat aktar ‘il fuq) dan ma jwassalx ghal dikjarazzjoni ta’ negligenza grossolana. Ta’ min iqis illi klawsola 20 tal-ftehim ipprovda illi:

*““The parties hereby specifically authorise and empower the valuation committee to adopt at its soul discretion whatever methods, including the appointment of technical experts of its choosing, as it may deem reasonably appropriate in the circumstances, to fulfil its duties and proceed with its brief pursuant to this Agreement, taking into account the cost-effectiveness of such methods”.*

“Il-Qorti tinnota li l-fatti kollha li qed jilmentaw minnhom l-atturi bhala sinjal tan-negligenza grossolana allegata huma fil-fatt rizultati tal-iskema u johorgu direttament mill-istess. Din il-kawza hija essenzjalment dwar il-mekkanizmu. L-atturi kienu obbligati jaccettaw l-iskema.

*""In the event that the Scheme of Division is accepted in writing by only one Shareholder in terms of Clause 16 hereof, the accepting Shareholders shall upon the expiration of the period laid down in the afore-mentioned Clause 16 be entitled, but not bound, to receive both lots, provided that such accepting Shareholder shall pay the other Shareholder a cash compensation in the amount of 50% of the value that the said other Shareholder would otherwise have received in accordance with the Valuation and/or the Scheme of Division within a reasonable period to be established by the Valuation Committee".*

"Fil-fatt, l-istess Desmond Mizzi hekk ikkomunika:

*""I accept the recommendations of the valuation committee, made in its report of the 27th January 2006. I do not however, accept the appendix (one) to said report as I consider it ultra vires to the powers of said committee".*

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

"...thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar id-19 ta' Mejju 2010, tilqa' l-pregudizzjali tan-nullita` tas-sentenza appellata u konsegwentement tirrimetti l-atti lura quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ghal decizjoni skont il-ligi u *in subsidium* f'kaz illi l-ewwel pregudizzjali ma tigix akkolta, joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar id-19 ta' Mejju 2010 u dan billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti appellati u tilqa' l-ewwel erba' talbiet tal-esponenti u tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti ghal decizjoni fuq it-talbiet l-ohra taghhom.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati."
Rat ir-risposta ta' Tonio Zarb proprio et nomine li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell, bl-ispejjez kontra l-appellanti;

Rat ir-risposta ta' Dr. Louis Cassar Pullicino nomine li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-istess appellanti;

Rat ir-risposta ta' Dr. Tonio Fenech li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell, tiddikjara l-istess appell bhala frivolu u vessatorju u tikkundanna l-appellanti ghall-hlas ta' spejjez doppji *ai termini* tal-Artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta tal-konjugi Joseph Vincent sive Jovan u Gabriella Mizzi u Unitrade Ltd li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti;

Rat is-sentenza preliminari li tat din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2011, li in forza taghha cahdet l-aggravji mressqa lejn il-validita` tal-appell kif interpost u lejn il-validita` tas-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' dik id-decizjoni jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi tajjeb li qabel xejn jigu elenkati c-cirkostanzi ta' fatt li wasslu ghal din il-kawza.

Desmond Mizzi u huh Jovan kienu jmexxu negozju li nbeda mill-genituri taghhom. In-negozju originali kien tal-antikitajiet, pero` eventwalment kellhom ukoll introjtu minn kirjiet ta' proprjeta`.

Bejn l-ahwa nibet l-inkwiet fl-ahhar tas-snin 90. Kien hemm attentati biex tinstab soluzzjoni, u fis-sena 2001 kien gie ffirmat ftehim biex jinqasam in-negozju. Pero`,

dan il-ftehim qatt ma gie implimentat kompletament, u l-ahwa baqghu bil-problemi.

In-negozju kien sejjer lura. Ir-rapport finanzjarju tal-grupp ghas-sena 2004 kien qed juri telf – telf li jidher li kien ilu ghaddej ghal xi snin.

Fl-ahhar ta’ Marzu tas-sena 2005 l-ahwa ftehmu, fil-principju, dwar kif kellhom jaqsmu n-negozju. Qablu dwar il-lottijiet u wkoll li kellhom jitqabbdu professjonisti biex jivvalutaw in-negozju u jwettqu l-qasma.
Bejn April u nofs Gunju 2005 gie negozjat ftehim bejn l-ahwa. Fis-17 ta’ Gunju gie ffirmat ftehim bejniethom (il-“Ftehim”).

Fit-30 ta’ Gunju 2005, KPMG accettat l-inkarigu lilha moghti, u harget il-*letter of engagement* relattiva.

Ix-xoghol tal-Valuation Committee beda ftit wara. Ix-xoghol kien jirrikjedi attenzjoni ghal hafna dettal u ma kien xejn facli, anki ghaliex il-kumitat kien mitlub jara, fost affarijiet ohra, dak li kienu hadu, ghall-beneficcju personali taghhom, Desmond u Jovan Mizzi. Kif jispjega Tonio Zarb, dan ma kienx rifless jew rifless tajjeb, fil-kotba.

Matul is-sajf tas-sena 2005 – waqt li KPMG kienet qed taghmel ix-xoghol ta’ analizi tal-kotba – gew inkarigati TBA Periti biex jaghmlu stima tal-assi principali, il-proprjetajiet @240 u Millennia.

Ir-rapport tal-periti tlesta fl-ahhar ta’ Novembru 2005. Fil-fehma tal-periti, il-proprjetajiet kellhom is-segwenti valuri: @240 – Lm900,000 u Millennia – Lm2,700,000. Pero`, TBA ikkonkludew ir-rapport taghhom hekk:

*“The scenario could therefore be one of changing values. It might therefore be fairer to consider a range of values rather than two set points. It is suggested that this range could oscillate within 20% of the set values.”*

Sa Dicembru 2005, il-Valuation Committee kien avvanzat hafna fix-xoghol preparattiv u ghalhekk seta’ jimxi ’l

quddiem biex jibda jiffinalizza r-rapport. F'Dicembru l-kumitat ltaqa' ghal jumejn shah jiddiskuti u jibda jaghlaq.

F'Dicembru 2005 u Jannar 2006, il-Valuation Committee iddelibera fit-tul - u fil-fond – dwar il-valutazzjoni tal-proprjetajiet. Il-process li ghadda minnu l-kumitat, il-konsiderazzjonijiet li saru, u l-konkluzjonijiet li waslu ghalihom l-intimati, huma spjegati fid-dettal fl-affidavit ta' Tonio Zarb, minn para 26 sa para 44; u para 48. Fil-qosor, jinghad dan:

a). L-intimati setghu jaddottaw l-istima ta' TBA Periti. Pero` hassew li kien hemm ragunijiet serji ghaliex kellhom ifittxu soluzzjoni li fil-fehma taghhom kienet iktar ekwa u fattibli. Fost l-aktar importanti kien hemm il-fatt li l-istima tal-periti kienet teoretika (ghaliex ma kienx hemm transazzjonijiet simili), u kienet tvarja bejn Lm2,160,000 u Lm3,240,000 fil-kaz ta' Millennia, u bejn Lm720,000 u Lm1,080,000 fil-kaz ta' @240.

b). Fid-dawl tal-kwadru shih, il-kumitat iddecieda li jaddotta, fl-ewwel lok, il-valutazzjoni *midpoint* tal-periti, u japplika *illiquidity discount* ta' 20%. A bazi ta' dan il-kalkolu, giet stabbilita ekwiparazzjoni provvizorja. Din l-ekwiparazzjoni setghet tigi varjata kemm-il darba parti jew ohra, jew it-tnejn, kienu jaghzlu li jaddottaw il-mekkanizmu.

L-atturi qed isostnu li l-holqien tal-mekkanizmu mill-kumitat kien *ultra vires* il-poteri tieghu, peress li dan kellu jaqsam il-proprjeta` u jistabilixxi ekwiparazzjoni skont il-valur tal-proprjeta` fis-suq, u mhux joholqu mekkanizmu li jwassal ghall-bejgh tal-proprjeta`, ancorche` b'kontrolli iebsa biex jigi assigurat l-akkwist tal-ahjar prezz possibbli.

L-ewwel Qorti ma qablitx mat-tezi attrici ghax qieset li l-kumitat kellu diskrezzjoni wiesgha u assoluta biex jasal ghall-mod ta' kif is-shubija ta' bejn l-ahwa Mizzi setghet tigi terminata. L-atturi allegaw ukoll li l-membri tal-kumitat ma kienux imparzjali, naqsu milli jistabilixxu il-valur tal-*business* ta' Mizzi Group, kisru l-obbligi ta' fiducja li kellhom versu il-partijiet u agixxew b'negligenza kbira. L-

ewwel Qorti cahdet ukoll dawn l-allegazzjonijiet u sabet li, allura, il-konvenuti ma kienux responsabbli ghad-danni versu l-atturi.

L-atturi appellaw mis-sentenza u bazikament irripetew il-lanjanza taghhom fil-konfront tal-operat tal-kumitat.

Trattat l-ewwel aggravju, li l-kumitat agixxa *ultra vires* is-setghat tieghu, din il-Qorti tara li ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti fejn din sabet li l-ftehim kien jaghti diskrezzjoni ampia u inekwivoka lill-kumitat biex jara kif jittermina s-shubija ezistenti bejn l-ahwa Mizzi. Veru li minn qari tad-diversi klawsoli tal-ftehim, specjalment il-klawsola numru 20 li ghalih ghamlet riferenza l-ewwel Qorti, jidher li l-ftehim jaghti diskrezzjoni wiesa' lill-kumitat fuq kif iwettaq xoghlu, pero`, din id-diskrezzjoni inghatat dwar 'il kif hi kellha *"to fulfill its duties and proceed with its brief pursuant to this agreement"*. Hemm diversi klawsoli fil-ftehim li jaghtu diskrezzjoni lill-kumitat dwar kif kellhom jaslu ghall-valutazzjoni tan-negozju (klawsola 1.1) u dwar kif issir l-iskema tal-qasma (klawsola 13), pero`, din id-diskrezzjoni kellha tigi ezercitata biex jitwettaq il-ftehim u mhux biex imorru oltre l-ftehim.

Din il-Qorti tara li centrali ghall-ftehim hija l-klawsola 1.6 tal-ftehim li testwalment jipprovdi kif gej:

*"1.6 The parties agree that the division, distribution and/or restructuring that shall be ordered by the Valuation Committee in terms of this Agreement shall provide that:*

*"(a) the lot that be given to D.M Holdings Limited and/or to Desmond Mizzi as its nominee (and/or to any other of its nominess) shall include:*

*"(i) the immovable property known as "@240", situated in Zabbar Road, Fgura for the value ascribed by the Valuation Committee which value has regard to the market value of the building […] which includes the capitalized value of rental income arising from the contractual lease of any space within the said building;*

*[…]*

*“(b) the lot that shall be given to Unitrade Limited and/or Jovan Mizzi as its nominee (and/or to any of its nominees) shall include:*

*“(i) the immovable property known as “Millenia”, situated in Aldo Moro Street, Marza for the value which […] shall be ascribed to it by the Valuation Committee having regard to the market value of the building, and the capitalized value of rental income arising from the contractual lease of any space within the said building;”*

L-uzu tal-frazi *“shall provide”*, fil-bidu tal-klawsola, juri li fl-assenjazzjoni tal-lottijiet, il-kumitat kellu jinkludi l-proprjetajiet kif provdut fl-istess klawsola u kif kienu gia` ftehmu fuqhom l-ahwa Mizzi. Skont din il-klawsola Desmond Mizzi kellu jiehu l-fond “@240” li jinsab il-Fgura, waqt li Jovan Mizzi kellu jinghata l-fond maghruf bhala “Millenia” fil-Marsa. L-irwol tal-kumitat kien li jistabilixxi l-valuri ta’ din il-proprjeta` biex ikun jista’ jsir hlas ta’ ekwiparazzjoni. L-ahwa ftehmu minn qabel li jaqsmu l-proprjeta` fizikament bejniethom, u l-kumitat kellu jimxi fuq din il-premessa u mhux jiddeciedi li jkun ahjar li l-proprjeta` tinbiegh fis-suq u wara jsir il-hlas ta’ ekwiparazzjoni. Il-membri tal-kumitat ma kellhomx poter johorgu ’l barra mill-brief li inghataw li jaqsmu n-negozju b’mod gust u finali; dan kellhom jaghmluh kif stabbilew il-partijiet u mhux kif riedu huma. Membru fuq il-kumitat, Steve Orton, li kien habib tal-ahwa Mizzi, kien konxju minn dan, u ghall-ewwel ma approvax dan l-hekk imsejjah mekkanizmu, peress li irrikonoxxa li zgur ma kienx il-hsieb ta’ Jovan Mizzi li jbiegh, izda li juza u jizviluppa l-“Millennia”. Dan jghid li l-membri l-ohra tal-kumitat, pero`, *“were adamant that Jovan would have to sell and would not be able to survive financially without doing so”*. Ma kienx kompitu tal-kumitat li jidhol fi kwistjonijiet bhal dawn, la darba l-ahwa Mizzi kienu gia` decizi li l-*lot* ta’ Desmond Mizzi *“shall include”* il-fond maghruf “@240”, u l-*lot* ta’ Jovan Mizzi *“shall include”* il-fond maghruf “Millennia”.

Il-membri tal-kumitat spjegaw li sabu diffikulta` jaslu ghall-*"market value"* tal-proprjeta` peress li l-periti li qabbdu ghal dan il-ghan hargu b'valutazzjoni teoretika, u indikaw varjazzjoni fl-istima ta' 20%. Dan il-periti ghamluh, peress li, skont huma ma kienx hemm "transazzjonijiet komparabbli tal-istess proprjeta`". Dan jista' jkun minnu, pero`, kien xoghol il-kumitat li, fil-parametri ta' dak indikat mill-periti, jaslu ghall-valur li, skont huma, jirrispekja l-*"market value"* tal-proprjeta`. Il-membri jargumentaw li l-istima li nghataw mill-periti saret kif trid is-sengha, pero`, is-sengha mhux xjenza. Precizament ghax hu hekk li l-ahwa Mizzi hallew fid-diskrezzjoni tal-kumitat ta' kif jasal ghall-valur tas-suq. Kienu japprezzaw zgur li kull stima jkollha element soggettiv u kien ghalhekk li inkarigaw tliet esperti biex, bl-esperjenza taghhom, jaslu ghall-valur kemm jista' jkun preciz. Il-kumitat, pero`, ghazel li jressaq proposta ghall-bejgh tal-proprjeta` fis-suq biex il-prezz ikun verament vicin il-*"market value"* taghha. Mhux dan li riedu, pero` l-ahwa Mizzi. Il-"kif" jigi determinat dan il-*"market value"* kienet kwistjoni teknika fdata f'idejn il-kumitat pero`, ma setax jasal ghaliha billi jipproponi bejgh tal-proprjeta` u b'hekk jistultifika l-iskop tal-ftehim.

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni li saret minn wiehed mill-membri tal-kumitat, li l-kumitat inghata diskrezzjoni, jew mano libera, li jimxi b'ekwita` u li jaghmel dak li jidhirlu xieraq fic-cirkostanzi. Il-kumitat inghata mano libera biss biex iwettaq il-ftehim, mhux li jwarrab dak li ftehmu l-ahwa Mizzi. L-ghan tal-ftehim kien biex il-kumitat jivvaluta n-negozju u jfassal u jissuplimenta d-divizjoni li riedu l-ahwa Mizzi b'mod ekwu u gust, u mhux li jipproponu modi ohra ta' divizjoni u terminazzjoni tas-shubija. Il-ftehim kien jikkontempla specifikatament l-assenjazzjoni tal-proprjeta` immobiljari lill-partijiet. L-ezercizzju li kellhom jaghmlu l-membri tal-kumitat kien parti integrali tal-ftehim u ma setax jestendi biex fil-fatt jbiddel in-natura u l-portata ta' dak il-ftehim.

Il-kumitat hareg bil-proposta li jsir il-bejgh tal-proprjeta` fi zmien sentejn, bil-prezz ottjenut jintuza ghal finijiet komparatitivi, pero`, mhux hekk riedu l-partijiet. L-ahwa

Mizzi ma riedux mekkanizmu li jwassal ghall-akkwist tal-ghola prezz ghall-proprjeta`. Huma kienu gia` hadu hsieb jiddividu l-*"lots"*, ossija l-attiv u l-passiv illi kull wiehed mill-ahwa Mizzi, jew ahjar il-kumpaniji rispettivi taghhom, riedu jiehdu, u kull ma kellhom jaghmlu l-konvenuti kien illi jistabbilixxu l-valur ta' kollox sabiex imbaghad jaslu sabiex jaghtu valur tal-ekwiparazzjoni illi kellha tithallas minn *"lot"* lill-ohra. Jekk il-membri tal-kumitat ma kienux kapaci jew ma setghux jaghmlu dan, kellhom jieqfu mill-inkarigu u jinfurmaw lill-ahwa Mizzi bil-problemi, izda zgur li ma kellhomx awtorita` johorgu b'sistema gdida ta' qasma.

Il-konvenuti jippruvaw juru li l-attur kien jaf li l-kumitat kellu diskrezzjoni ampia, u jaghmlu riferenza ghax-xhieda ta' Dr. Georg Sapiano li qal li spjega lill-attur li l-kumitat kien qieghed jinghata "hafna poteri fiducjarji u diskrezzjoni kbira". Dan ix-xhud, pero`, spjega li hu qal lill-attur li hu kellu jaccetta dak kollu li kien se jaghmel il-kumitat, anke jekk ma kienx jaqbel maghha, "sakemm kienet fil-poter tal-imsemmi Valuation Committee li jaghti din id-decizjoni". Din l-ahhar sentenza hija l-qofol ta' kollox. L-attur kellu jaccetta dak li jiddeciedi l-kumitat fil-limiti tal-poteri tieghu, izda mhux jekk id-decizjoni tmur oltre dawk il-poteri. Il-partijiet intrabtu li jaccettaw il-valuri li jasal ghalihom il-kumitat, tkun xi tkun il-metodologija li juza l-kumitat biex jasal ghall-konkluzjoni tieghu, pero`, ma ntrabtux li jaccettaw pjan ta' qasma radikalment differenti minn dak li ftehmu fuqu.

Il-mekkanizmu ta' bejgh kontrollat tal-proprjeta` immobbli li pproponew il-membri tal-kumitat, jista', forsi, jistabilixxi l-*"market value"* tal-proprjeta` b'aktar precizjoni, pero`, dan il-mekkanizmu jkun ifisser il-bejgh tal-proprjeta` u t-tnehhija tal-istess proprjeta` minn idejn l-ahwa Mizzi. Dak li ppropona l-kumitat jixbah it-testijiet li jsiru bil-hruq tal-oggett biex tigi stabbilita l-eta` preciza tal-oggett (*"carbon dating"*); l-ahwa Mizzi pero`, ma riedux il-"hruq" tal-proprjeta` bhala mezz biex jigi stabbilit il-valur! Huma, kif inghad, riedu li kull wiehed izomm il-proprjeta` assenjata lilu u n-negozju marbut mal-istess, u allura l-kumitat, fil-verita` agixxa *ultra vires* meta hareg b'din il-proposta.

Ma jirrizultax, pero`, li l-membri jew xi hadd minnhom, agixxa b'negligenza kbira (*"gross negligence"*) u/jew mgiba hazina. Ma giex muri li l-agir tal-kumitat kien rizultat ta' xi mgiba hazina. Il-prova ta' *ultra vires* mhix bizzejjed biex twassal ghall-konkluzjoni li l-kumitat agixxa b'negligenza kbira; il-membri agixxew kif hassew li kellhom jagixxu biex jaslu ghar-rizultat ekwu u gust. Il-fatt li interpretaw hazin il-poteri li nghataw, ma jfissirx li kienu traskurati b'mod li jigu esposti ghad-danni fit-terminu tal-Klawsola 21 tal-ftehim. Il-membri tal-kumitat setghu jahsbu li l-ftehim kien jawtorizzhom jiddeciedu *ex aequo et bono*, u dan wara qari *at first instance* tal-istess ftehim; kellhom dover, ovvjament, li jiflu t-*terms of reference* b'aktar ghaqal u attenzjoni, pero`, ma giex ippruvat li huma agixxew b'negligenza kbira. Il-piz tal-prova ta' dan hu fuq l-atturi, u fil-fehma tal-Qorti ma saret ebda prova ta' *wilful misconduct* jew *gross negligence*.

Il-membri tal-kumitat kellhom a disposizzjoni taghhom diversi metodi kif jaslu ghall-valuri mitluba u bhala esperti fil-materja kellhom jiddeciedu billi jaghzlu wahda li twassal ghar-rizultat li riedu l-partijiet. Huma "ghazlu" metodu li jmur lill'hin minn dak li kienu t-*terms of reference* taghhom, pero`, ma jirrizultax li dan kien rizultat ta' *"gross negligence"*, li fiha nfisha, tikkontjeni element ta' kappriccosita, kwasi *mala fede*. Fil-fehma tal-Qorti kienu zbaljati, pero`, mhux aktar minn hekk.

L-atturi jargumentaw li l-membri hargu bil-proposta l-gdida wara influwenza mill-konvenut Jovan Mizzi, pero`, din ukoll ma gietx ippruvata. Mill-provi jirrizulta li kienu l-membri stess tal-kumitat li hargu b'dik l-idea wara l-problemi li rriskontraw fid-dawl tal-istimi kif indikati lilhom mill-periti. Dwar in-nuqqas ta' imparzjalita` allegatament ezercitata mill-kumitat, tali allegazzjoni ma hiex ikkoraborata minn ebda evidenza, u ma hemm ebda prova illi kummenti u konsiderazzjonijiet illi l-attur xtaq iressaq, ma gewx, fil-fatt, imressqa u kkunsidrati mill-kumitat. Dwar il-fatt li wiehed mill-membri tal-kumitat baqa' jaghmel xoghol professjonali lill-konvenut Jovan Mizzi, din il-Qorti tara li l-attur kien jaf b'dan, tant li ta l-kunsens tieghu bil-miktub lil dan il-membru li setgha

jkompli jaqdi lill-konvenut, nonostante li kien sejjer ikun membru tal-istess kumitat. Dan il-membru, fil-fatt, kien ilu jaghmel xoghol ghall-Mizzi Group u kien sar habib tal-ahwa, tant li kellu l-fiducja tat-tnejn meta nhatar membru tal-kumitat.

L-allegazzjoni tal-atturi li Jovan Mizzi kellu informazzjoni dwar il-valuri moghtija lill-periti, waqt li din inzammet mill-attur Desmond Mizzi, din ukoll ma gietx ippruvata. Li jirrizulta mill-atti hu li Jovan Mizzi seta' jkun jaf bil-valuri illi l-periti taw meta rcieva kopja tal-kont mahrug mill-periti ghall-istima li kienu ghamlu, liema kont sar *ad valorem*. L-attur, pero`, kellu wkoll kopja ta' dan il-kont, tant li esebieh hu fl-atti ta' din il-kawza. Il-kont kien gie indirizzat lid-diretturi ta' Mizzi Group, u ma kien hemm ebda informazzjoni li nghatat lill-wiehed u mhux lill-iehor tal-ahwa Mizzi. Mill-atti ma jirrizultax li xi membru tal-kumitat, kontra l-obbligi fiducjarji tieghu, zellaq informazzjoni lil Jovan Mizzi, u, fil-verita` ma sar ebda attentat li ssir din il-prova b'domandi diretti lejn il-membru akkuzat. Hu veru li Jovan Mizzi bghat xi *valuations* lill-kumitat, pero`, dan ma jfissirx li hu nghata xi nformazzjoni li ma kellux jinghata, ghax, skont il-ftehim, kull wiehed kellu dritt li jissostanzja l-argumenti tieghu, f'dan il-kaz, permezz ta' *valuations*.

L-atturi jilmentaw ukoll mill-fatt li l-kumitat naqas li jistabilixxi l-valur tan-negozju tal-grupp. Huma qed jallegaw dan ghax, bil-proposta tal-"mekkanizmu" li ghamlu l-membri tal-kumitat, il-valur ikun jista' jinbidel; jghidu li b'din il-proposta, ix-xoghol tal-konvenuti sar biex imbaghad jithassar u jisfaxxa fix-xejn ladarba jintuza l-"Property Disposal Mechanism". Il-valur, pero`, inghata, u ladarba, kif se tiddeciedi din il-Qorti, dan il-"mekkanizmu" se jitwarrab, ma jkunx hemm lok ta' bidla fl-istess, u l-valur moghti hu dak li gie indikat mill-kumitat. Kwindi, il-kumitat, fil-verita`, wettaq l-inkarigu principali tieghu.
Biex tirriepiloga din il-Qorti tara' li l-appell tal-atturi ghandu jigi milqugh in parte, peress li hu minnu li l-alternattiva proposta mill-kumitat kien *ultra vires* l-inkarigu moghti, pero`, ma taqbilx illi l-kumitat ma wettaqx l-inkarigu principali moghti lilu, lanqas li xi membru tal-kumitat agixxa versu l-atturi b'mod imparzjali jew b'negligenza

kbira u/jew mgiba hazina, u allura, ma hemmx lok ta’ ordni ta’ hlas ta’ danni mill-konvenuti a favur l-atturi.

Fl-ahhar nett, dwar l-eccezzjoni tad-ditta KPMG li din ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, din il-Qorti tara li ghalkemm din id-ditta per se ma kienitx membru tal-kumitat maghzul mill-ahwa Mizzi, kienet hi li harget il-*“letter of engagement”* relattiva u hadmet fuq il-kotba tal-grupp biex il-kumitat setgha jasal ghall-valuri tieghu; ma jistax jinghad allura li ma ghandha ebda responsabbilta` ghal dak li sehh. Kwindi ma taqbilx li l-istess ditta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-atturi billi tilqghu biss in parte, u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti, billi tirrevokaha fejn cahdet l-ewwel talba attrici, u minflok tghaddi biex tilqa’ l-istess l-ewwel talba kif dedotta, izda tikkonfermaha fejn cahdet it-talbiet l-ohra kollha, u tqis l-istess mhux ippruvati u kwindi nfondati fil-fatt u fid-dritt.
L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, fic-cirkostanzi, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet billi kull parti tbati l-hlas taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------